RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F31**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**L-Erbgħa 17 ta' Awwissu 2011 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F30**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F30 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha [redacted] F30

**2.00 Korrezzjonijiet F30**

2.01 Dwar minuta 5.10, is-Sindku Alexander Craus talab li tigi ememdata hekk kif gej: — Korrezzjonijiet F30

Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien iddecida li ma jinhargux aktar permessi ghal trinek minhabba l-istat hazin tat-Triq Vjal l-Haddiem. Il-Kunsill qabel.

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F30**

3.01 5.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li kien iltaqgha mal-Presidenti taz-zewg baned. Huwa qal li l-laqgha kienet wahda kordjali hafna minkejja li iz-zewg kazini dehru li ma qablux li Jum ir-Rabat jigi ccelebrat fit-2 ta' Settembru, ghaliex kienu jipreferu li dan il-jum jigi ccelebrat lejn l-ahhar ta' Settembru. Is-Sindku qal ukoll li huma talbu li jircievu notifika bil-miktub tal-bdil tad-data. Wara diskussjoni fit-tul il-kunsill qabel li Jum ir-Rabat jigi iccelebrat fit-2 ta' Settembru hekk kif kien isir minn kunsilli precedent u dan minhabba l-fatt li din id-data ghandha sinifikat importanti hafna fl-istorja tar-Rabat. — Jum ir-Rabat

3.02 6.03 IL-Kunsillier Robert Micallef qal li l-'coaches' mhux qed jidhlu fil-'parking bays' reservati ghalijhom go Triq l-Muzew u qed jibqghu bil-magna mixghula f'nofs ta' triq, bil-konsegwenza li qed iddejqu lir-residenti bil-hsejjes tal-'aircondition'. Hu qal ukoll li l-'bus shelters' mhux qed jintuzaw minhabba is- — Is-servizz gdid tat-transport pubbliku



KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

shana u n-nies li jkunu qed jistenna tal-linja qed jispicca jaqsmu it-triq u joqghdu

mal-faccata tad-djar tar-residenti.

3.03 — Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' EU Consultant

14.01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv nfurmat il-laqgha li kienet baghtet l-ittra liz-zewg applikanti rispettivi, izda applikant wiehed biss kien ghamel kuntatt lura mal-kunsill, li huwa l-PKF. Hi qalet li kienet ghamel laqgha mad-direttur ta' PKF is-Sur George M. Mangion fejn kien infurma li l-ammonti imsemmija fil-kwotazzjoni taghhom ghandu jithallas biss mil-kunsill, jekk l-applikazzjoni ghal progett tkun giet milqugha.
Il-kunsill iddecida li ghandha terga tinbghat ittra liz-zewg applikanti fejn nitolbhom kjarifikazzjoni bil-miktub.

**4.00 'Audit Report u l-Financial Statements' (sa l-ahhar ta' Dicembru 2010)**

'Audit Report u l-Financial Statements'

L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-kunsill ir-rapport tal-Awditur u spejegat l-punti li dan gibed l-attenzjoni dwarhom. Hi kompliet billi qalet, li l-awditur ta' struzzjonijet lil kunsill biex ihallas l-ammont ta bejn € 1,625 u € 2,709 dovuti lil Eks. Segretarju Ezekuttiv s-Sur Franco Azzopardi bhala pro rata ghal 'Performance Bonus' tieghu.
Is-Sindku ppropona li Sur Azzopardi ghandu jinghata l- 5% tas-salarju baziku li kellu. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda din il-proposta.

**5.00 It-Twegiba tal-Kunsill ghar-Rapport tal-Awditur**

5.01 — Ir-Risposta tal-Kunsill ghar-Rapport ta' l-Awditur

Is-Sindku Alexander Craus qara t-twegiba tal-kunsill ghar-rapport tal-awditur u ppropona li tigi approvata hekk kif ipprezentat. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Robert Micallef. Kopja ta' din it-twegiba tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jigi skuzat fis-8.20 p.m.

**6.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

6.01 — 'White paper' dwar Swieq [redacted]

Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva email minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn l-kunsill gie mistieden sabiex jibghat l-kummenti tieghu dwar il-white paper dwar is-Swieq Pubblici. Hu ta dettalji dwar dak li intqal fil-laqgha li saret dwar l-istess suggett mis-Segretarju Parlamenti l-Onor. Jason Azzopardi flimkien mas-Segretarju Parlamenti l-Onor. Chris Said fil-5 ta' Awwissu.

IL-Kunsillier Robert Micallef qal li d-dhul finanzjarju li jkun hemm mil-hlas tal-licenzji ghandu jinghata lil kunsill biex ikopru ghal l-ispejjez tat-tindif u ghal hsarat li jsiru fuq il-bankini mil-vetturi tal-bejjiegha tal-monti. Hu kompla billi qal li l-armar tal-posti ghandhom ikunu uniformi.

Il-Kunsillier Antoine Borg qal li important hafna li ikun hemm access liberu ghad-djar tar-residenti, b'mod specjali spazzju biex tghaddi l-ambulanza. Hu kompla billi sahaq ukoll dwar l-importanza tat-tindif wara li jispicca l-monti.

Il-Kunsillier Frans Chircop tkellem dwar l-importanza li l-bejjiegha jinghataw posta addekwat fejn jipparkjaw il-vetturi taghhhom u mhux jithallew jipparkjaw il-vetturi taghhom fuq il-bankina.

Is-Sindku nsista li hu important hafna li kull bejiegh ikollu post wiehed biss allokat ghalih.

Il-Kunsill qabel li tinbghat it-twegiba taghna b'dawn il-proposti.

** Il-Kunsillier Antoine Borg talab li jigi skuzat fis-8.45 p.m.

6.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva talba minghand l-organizzaturi ta' Loghob ghal Kulhadd biex il-kunsill jipprovdi 'mobile toilet' u jghin billi jitnaddaf il-post fejn ser issir l-attivita. Il-Kunsill intalab ukoll biex fejn hu possibli jghin fl-istampar tal-poster tal-attivita'. Isseconda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Loghob ghal Kulhadd

6.03 Is-Sindku Alexander Craus tkellem dwar Gieh ir-Rabat. Hu qal li peress li din is-sena hija dedikata lil volontarjat, ippropona li dan ghadnu jinghata lil xi hadd li ilu jahdem fil-volontarjat ghal diversi snin. Wara li l-kunsill qabel huwa propona lis-Sur Charlie Cassar, li ilu imexxi ir-Rabat Ajax Youth Nursery ghal diversi snin anke meta din kienet taghmel parti mir-Rabat Depiro Youth Nursery. Il-Kunsill qabel unanimament. Gieh ir-Rabat

Is-Sindku ppropona ukoll li ghandhom jinghataw zewg rikonoxximenti lil zewg zghazagh mil-lokal li jippromettu fil-qasam sportiv fid-dixxiplini rispettivi taghhom. Huwa propona liz-zaghzugh Gary Carr, 'player' tas-'snooker', li minkejja l-eta zghira tieghu irnexxilu jistabilixxi ruhu bhala wiehed mil-ahjar 'players' tal-eta' tieghu. Dan ghamlu b'dedikazzjoni u dixxiplina kbira. Is-sindku irringrazzja wkoll lill-kumitat tal-Banda Konti Ruggieru tal-opportunita li huma jaghtu lil dan iz-zaghzugh u tal-investiment li ghamlu biex irrangaw il-mejda tal-snooker.

Semma ukoll liz-zaghzugh Adam Smeir, 'player' tal-'football' li b'impenn shih ilu ghal diversi snin jifforma parti mit-team tar-Rabat Ajax. Adam huwa wiehed mil-aktar 'players' dedikati u li ghandu ghal qalbu t-'team' tal-lokal tieghu, ir-Rabat. Is-sindku qal li Adam rebah ukoll l-aqwa player tas-Second Division unur prestiggjuz hafna u li jaghmel gieh lir-Rabat. Anke hawn il-kunsill qabel b'mod umanimu ma' dawn iz-zewg proposti.

Il-Vici Sindku Doris Coleiro pproponiet illi ghandu jinghata certifikat ta' rikonoxximent lil membri tas-sotto kumitat tal-anzjani, ghax-xoghol volontarju li jaghmlu fid-'Day Center' u ghal ghajnuna taghhom fl-attivitajiet li jorganizza ghal-anzjani tal-lokalita'. Is-Sindku ssekonda lis-Sna. Coleiro u l-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Robert Micallef ippropona li jinghata rikonoxxximent ta' hidmietu lil Kuntistabbli Paul Spiteri. Dan wara li l-istess Kuntistabbli b'dedikazzjoni kbira, anke barra s-sieghat tax-xoghol tieghu, dejjem iddefenda l-interessi tar-residenti Rabtin u l-kommunitajiet taghhom. Is-Sindku qabel u ssekonda lil Dr. Micallef u kompla fejn qal li is-Sur Spiteri dejjem jahdem spalla ma' spalla mal-Kunsill u jaghmel dak kollu li jista biex jaqdi l-ilmenti taghna. Ahna ghandna nkunu rikonoxxenti ghal dan it-tip ta' haddiema. Il- Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku talab lil dawk pezenti biex jekk fil-granet li gejjin jiftakru f'xi persuna jew persuni li huma ukoll jistghu jinghataw rikonoxximent ghal hidmiethom fil-lokalita', dawn ghandhom jikkuntatjaw lilu jew lil Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex dawn ikun jistghu jiccirkulaw 'email' bejn il-kunsilliera biex naraw jekk ikun hemm qbil ma' din il-proposta.

**7.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

7.01 Peress li l-kunsilliera taw il-kontribut taghhom skond is-suggetti li kienu qed jigu diskussi, dak li intqal minn kull kunsillier huwa rapurtat taht is-sotto titoli ohrajn. Dan ukoll ghaliex ma kienx hemm rakkomandazzjonijiet jew rimarki ohra mil-punti li kienu mnizlin fuq l-agenda.

Komunikazzjoni mil-Kunsilliera

**8.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Bahrija A09**

Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A09 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Bahrija A09

**9.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A11**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A11 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtu A11

**10.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

10.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 199 tigi approvata. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro.

L-iskeda tal-hlasijiet numru 199

**11.00 Skemi mid-Dipartiment Gvern Lokali**

11.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li kienet harget l-iskema ta' finanzjament ghal titjib fil-'playing fields' ezistenti (Memo 66/2011). Il-kunsill qabel li ghandna napplikaw biex jigu rrangati l-playing fields' ta' Gnien Bir l-Iljun u Gnien l-Barnuza l-Hamra (Bahrija). Is-Sindku ppropona lil Kunsillier Frans Chircop biex jiehu hsieb din l-iskema peress li taqa taht id-dekasteru tieghu. Il-Kunsill approva

Skema Playing Fields

11.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li kienet harget skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012 (Memo 65/2011). Il-kunsill qabel li ghandna napplikaw biex ghas-sena 2012 nergu norganizzaw ir-Rabat Arts Festival.

Skema Attivitajiet

11.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li kienet harget skema EGOV4U ghall-kunsilli lokali (Memo 60/2011). Gie deciz li l-kunsill ma japplikax ghal dan il-progett pilota u dan minhabba li l-kunsill diga ghandu 'computer lab'. Is-Sindku qal li l-kunsill kien applika ghal progett EGOV4U organizzat mil-Assocazzjoni Kunsilli Lokali.

Skema EGOV4U

**12.00 Awtorizazzjoni ghax-xiri ta' oggetti**

12.01 Il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru tlett kwotazzjonijiet ghal xiri ta' 'diaries' ghas-sena 2012 u awtorizza lil Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex tiddecidi skond il-htiega.

Xiri ta' 'diaries' 2012

**13.00 Aggornament**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 14 ta'

Aggornament

Settembru 2011 fis-7.00 p.m.

13.02 Il-laqgha ntemmet fil-10.00 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**